# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 23 t'April, 2018**

**Rikors Numru : 790/2015 JPG**

**Kawza Numru: 13**

**Joseph P Debono (ID 912245M)** u martu Mary Debono (ID 97548M), **Carmel sive Charles Farrugia (ID 576553M)** u martu Josephine Farrugia (ID 265754M), **Anthony Bonnici (ID 741452M)** u martu Catarina (ID 109556M)**, Carmelo sive Charles Domenici (ID 1015645M)** u martu Jane Domenici (ID 55947M), **Carmel Galea (ID 453446M)** u martu Doris Galea (ID 424149M), **Francis Zahra (ID 475649M)** u martu Dolores Zahra (ID 527143M), **Alfred Gatt (ID 635146M)** u martu Cettina Gatt (ID 445547M)**, Anthony Bugeja (ID 409744M), Jonas Magro (ID 881651M) u b'digriet tat-23**

**t'April, 2018 l-atti ta' Jonas Magro gew trasfuzi f'isem Abraham Magro (ID 1055747M) f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' ohtu assenti Georgia Muscat (Passaport Awstraljan Nru N 8101097), David Magro (ID 41547M) u George Magro (ID 30449M), Frances Cassar (ID 189353M)** u zewgha Vladimir Cassar (ID 585148M), **Joseph Calleja (ID 803739M)** u martu Doris (ID 0760639M), **Anthony Chetcuti (ID 909747M)** u martu Anna (ID 61054M), **Peter Paul Borg (ID 68434G)** u martu Rita (ID 16337G), **Francis Gauci (ID 136047M)** u martu Lina (ID 870547M) **u John Deguara (ID 248755M)** u martu Anna (ID 735762M) **u Maria Azzopardi (ID 228448M) armla ta' Joseph Azzopardi (3448M)**

**VS**

**Go plc (C 22334)**

## Il-Qorti ,

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph P Debono et, datat 19 ta' Awissu, 2015, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament jigi kkonfermat minn Jospeh P Debono (ID 912245M)*

1. *Illi r-rikorrenti dahlu jahdmu mal- korporazzjoni Tekemalta li sussewgentement saret Go plc kif ser jinghad:*

   *Fil-25 ta' April dahal jahdem John Deguara;*
   *Fl-1 ta' Jannar 1978 dahal Joseph Azzopardi;*
   *Fit-23 ta' Jannar 1978 dahal jahdem Jonas Magro;*
   *Fl-24 ta' April 1978 dahlet Frances Cassar;*
   *Fit-22 ta' Mejju 1978 dahal, Joseph Calleja;*
   *B'effett mill-1975, sa mill-bidu tas-sehh tat-Telemalta dahlu Anthony Chetcuti, Peter Paul Borg u Francis Gauci li qabel kienu jahdem mar-Rediffusion; Fl-1 ta' Settembru 1978 dahlu Joseph P Debono, Carmel Farrugia, Anthony Bonnici, Carmel sive Charles Domenici, Carmel Galea, Francis Zahra, Alfred Gatt u Anthony Bugeja.*

2. *Illi fil-1975 meta giet formata l-korporazzjoni Telemalta l-influss tal-impjegati kienu principalment mill-Cable & Wireless, Redifussion, mill-Gvern u mix-Xandir u fir-rigward tal-impjegati tal-Gvern, dawn ga kellhom pensjoni tat-Tezor taht l-Ordinanza tal- Pensjonijiet filwaqt li fir-rigward tal-impjegati l-ohra tal- Cable & Wireless u tar-Redifussion saru zewg kuntratti fejn gie garantit illi l-kumpanija taghti pensjoni lil dawn l-impjegati simili ghal dik li kellhom l-impjegati tal- Gvern.*

3. *Illi ghalhekk fir-rigward tal-impjegati li bdew jahdmu mal-Koprorazzjoni Telemalta fl-istat inizjali taghhom, l-impjegati kollha li kienu hekk impjegati, kellhom id-dritt tal-pensjoni dovuta lilhom direttament mill-Korporazzjoni*

*Telemalta u di fatti fl-istatut tal-istess Korporazzjoni li giet mahluqa ex lege kien hemm ukoll espressament miktub illi l-Korporazzjoni jkollha s-setgha li taghmel l-istess skema tal-pensjoni.*

4. *Illi sussegwentement, wara li giet inkorporata t-Telemalta, din il-Korporazzjoni bdiet timpjega iktar nies u man man li dawn bdew jigu impjegati dawn kellhom id-dritt tal-pensjoni minghand il-kumpanija komprizi mir-rikorrenti li gew impjegati fl-1 ta' Settembru 1978 li ghalhekk kellhom a legitimate expectation li huma jkollhom id-dritt ghall-pensjoni similment ghal ko-impjegati l-ohra u li ma jigux diskriminati.*

5. *Illi effettivament ir-rikorrenti kollha ghandhom id-dritt jistennew li jkollhom il-pensjoni u dan stante illi filwaqt li haddiema ohra li kienu jahdmu fl-istess xoghol maghhom gew rikonoxxuti li ghandhom tali dritt tal-pensjoni, fil-konfront tal-esponenti, tali dritt ma giex rikonoxxut.*

6. *Illi l-pensjoni ghandha ykun wahda li jkollha bhala l-qafas taghha l-Pensions Ordinance li jfisser li din tinghata mal-eta' ta' 60 sena jew, f'kaz li impjegat jigi medically boarded out, minn tali zmien, li jkun hemm dritt ghal gratifikazzjoni ta' kwart mil-pensjoni u li f'kaz li impjegat imut waqt l-impjieg, l-armla jkollha dritt ghall-gratifikazzjoni ekwivalenti ghal sena salarju.*

7. *Illi r-rikorrenti Alfred Gatt, Charles Domenici, Joseph P Debono u Joseph Calleja rtiraw mil-impjieg meta lahqu l-eta' ta' 61 sena.*

8. *Illi r-rikorrenti Anthony Bonnici, Carmel Galea, Francis Zahra, Anthony Bugeja, Jonas Magro, Frances Cassar, Anthony Chetcuti, Peter Paul Borg, u Joseph Azzopardi gew medically boarded out.*

9. *Illi r-rimamenti rikorrenti, fil-kors tal-impjieg taghhom l-esponenti hadu beneficcju tal- Voluntary Retirement minn mal-Koporazzjoni li sussegwentement saret Maltacom plc u sussegwentement saret Gp plc izda fil-ftehim ta' Voluntary Retirement ma gie mittiefes bl-ebda mod id-dritt taghhom tal-pensjoni u dan*

*kontrarjament ghall-kaz kif kien ghal dawk li rtiraw u hadu l-Voluntary Retirement wara li haduh ir-rikorrenti.*

10. *Illi llum – il gurnata l-esponenti lkoll lahqu l-eta' pensjonablli jew issodisfaw il-kriterji applikabbli tal-istess Ordinanza li jintitolawhom ghall-pensjoni u dan skond kif indikat fl-Ordinanza tal- Pensjonijiet izda s-socjeta' intimata, interpellata biex tirrikonoxxi li l-esponenti ghandhom id-dritt tal-pensjoni u timplimentaha fil-konfront taghhom, baqghet inadempjenti.*

11. *Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

I. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata Go plc ghandha timplimenta skema tal-pensjoni fil-konfront tar-rikorrenti liema skema tal-pensjoni ghandha tkun simili ghal dik komtemplata fl-Ordinanza tal- Pensjonijiet u dan tenut tad-durata tal-impjieg taghhom u l-paga relattiva taghhom fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilhu prefiss liema pensjoni tithallas malli jilhqu l-eta' ta' 60 sena jew meta jigu medically boarded out, liema jigi l-ewwel, jkun hemm dritt ghal gratifikazzjoni ta' kwart mil-pensjoni multiplikata b'12.5 fost kondizzjonijiet ohra u fin-nuqqas li taghmel dan, li tkun din il-Qorti stess li tfassal l-istess skema tal-pensjoni taht dawk il-partijiet u kondizzjonijiet xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimate u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti liema intimat huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta konvenuta Gp Plc tat-28 ta' Settembru 2015, (a fol. 210 et seq) li taqra hekk:

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma l-Avukat Francis Galea Salomone fil-kwalita tieghu ta' *Company Secretary* tal-istess kumpannija :-

*1. Illi fl-ewwel lok u in kwantu l-kawza attrici qed tigi proposta minn dawk fost l-atturi li kienu hadu beneficcju tal-Voluntary Retirement, it-talbiet taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-fatt stess illi huma ex admissis rtiraw mill-impjieg taghhom mas-socjeta esponenti wara li accettaw offerta ossia iffirmaw Voluntary Retirmenet Scheme u rcevew pagament sostanzjali minghand l-istess socjeta konvenuta jinnewtralizza u jgib fix-xejn kwalunkwe pretensjoni li jista jkollhom ghal xi hlas ta' pensjoni.*

*Illi dan il-pagament li kien gie offrut u accettat liberament minn dawn l-atturi kien sar a saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellhom dawn l-impjegati u ta' kwalsiasi natura kemm jekk kienu gja ezistenti u kemm jekk dawn l-istess pretensjonijiet setghu jinqlghu fil-futur.*

*2. Illi fit-tieni lok u in kwantu l-kawza attrici qed tigi avvanzata minn dawk fost l-atturi li kienu gew medically boarded out, dawn it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi kif jigi pruvat waqt il-kawza, uhud minn dawn l- atturi kienu rtiraw voluntarjament mill-impjieg taghhom mas-socjeta konvenuta qabel ma gew medically boarded out, accettaw kumpens ghal dan il-ghan, il-process ta' boarding out sar wara li sar il-ftehim ta' Voluntary Retirement Scheme u fi kwalunwe kaz is-socjeta konvenuta ma kenitx parti u la qatt setghet tkun parti mill-process ta' boarding out la darba l-atturi ma kienux impjegati mas-socjeta konvenuta.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda impjegati li gew biss medically boarded out minghajr ma hadu Voluntary Retirement Scheme it-talba taghhom hija legalment insostenibbli billi anke jekk kienu ntitolati ghal xi dritt ta' pensjoni meta gew impjegati mas-socjeta konvenuta, haga li trid tigi pruvata, huma ma baqghux hekk intitolati u tilfu kill dritt ta' pensjoni li seta' qatt kellhom hekk kif gew medically boarded out.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, l-atturi ma ghandhomx dritt kuntrattwali li jintitolahom jesigu hlas ta' pensjoni non kontributorja minghand is-socjeta konvenuta. Il-kuntratt ta' impjieg ta' kull wiehed mill-atturi ma jaghti ebda dritt ghall-hlas ta' pensjoni filwaqt li l-ftehim*

*li kien sar fit-23 ta' Lulju 1975, kif ukoll il-ftehim li kien sar wara dwar il-haddiema tar-Rediffusion fl-1976 u 1981, kienu saru specifikament sabiex jirregolaw d-drittijiet u beneficcji spettanti lill-haddiema tal-Cable & Wireless u tar-Rediffusion meta dawn l-istess haddiema gew assenjati lill-Korporazzjoni Telemalta li twaqqfet fil-1975 u li effettivament hadet f'idejha l-operat tal-Cable & Wireless u tar-Rediffusion rispettivament. Ma hemm xejn fl-imsemmi ftehim li b'xi mod jobbliga lis-socjeta konvenuta li jipprovdi skema ta' pensjoni lill-haddiema kollha li gew impjegati minnha wara l-1975 u li ma kienux haddiema tal-Cable & Wireless jew tar-Rediffusion u kwindi l-atturi ma jistghu jivvantaw l-ebda dritt jew beneficcju minn kuntratt li sar bejn terzi..*

*4. Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, isegwi illi mhuwiex minnu illi l-agir da parti tas-socjeta konvenuta fil-konfront tal-atturi huwa diskriminatorju jew li b'xi mod l-atturi ghandhom xi legitimate expectation li jkollhom ukoll dritt ta' pensjoni. Jekk xejn u kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza, il-haddiema li gew impjegati minn bejn wiehed u iehor l-1978 il-quddiem gew kollha impjegati minghajr ebda dritt ta' pensjoni fil-kuntratt ta' impjieg taghhom.*

*5. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, il-ligi vigenti fiz-zmien li gew impjegati l-atturi ma kenitx tipprojbixxi illi haddiema jigu impegati b'kondizzjonijiet ta' impjieg differenti minn dawk ta' haddiema ohra tal-istess employer.*

*6. Illi subordinatament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili .*

*7. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi dina l-Qorti tiddeciedi illi s-socjeta konvenuta hija tenuta li twaqqaf skema ta' pensjoni a beneficcju tal-atturi, kwalunkwe skema ta' pensjoni tista' titwaqqaf biss bl-approvazzjoni tal-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u dan konformament mal-Att li Jirregola Fondi Specjali ( Kap. 450 tal-Ligijiet ta' Malta) b'dan ghalhekk illi l-ewwel talba hija legalment insostenibbli.*

*8. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma legalment insostenibbli stante li jekk jigu milqugha jikkostitwixxu ksur ta' ligijiet ta' ordni pubbliku u senjatament l-Att dwar is-Sigurta Socjali ( Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali tal-1956 ( Kap. 147) li jirregolaw u/jew kienu jirregolaw l-ammont massimu ta' pensjoni li persuna tista' tircevi.*

*9. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta konvenuta ghar-rifuzjoni tal-kumpens mhallas lill-atturi a bazi tal-Voluntary Retirement Scheme.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Joseph P. Debono** xehed permezz ta' affidavit a fol 138 u a fol 230 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-30 ta' Ottubru 2006 fl-eta ta' 61 sena. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' STO b'paga ta' €15,969, u li fl-istess grad tieghu kien hemm Emanuel Ciantar.

**Carmel sive Charles Farrugia** xehed permezz ta' affidavit a fol 140, a fol 227 u a fol 499 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 178, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sal-1 ta' April 1999 meta ha l-*early retirement scheme.* Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-grad ta' Senior Technician u kellu paga ta' €11,353. Zied li fl-istess grad tieghu kien hemm ukoll Saviour Bonnici. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement*

*scheme* kien thallas is-somma ta' Lm14,500 ekwivalenti ghal €33,775, liema somma giet ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienitx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li kieku kien jaf, kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €7,568 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €23,652 u dan apparti l-pensjoni ta' €5,676.

**Anthony Bonnici** xehed permezz ta' affidavit a fol 142, a fol 231 u a fol 498 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-15 ta' Marzu 200 billi gie *medically boarded out* f'liema punt kien ha l-*early retirement scheme*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-grad ta' TT1 b'paga ta' €10,677. Zied li fl-istess grad tieghu kien hemm Anthony Muscat, Vincent Attard, Anthony Mizzi, Francis Lanzon u Alesso Sammut. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement scheme* kien thallas is-somma ta' Lm10,300 ekwivalenti ghal €23,992.54, liema somma gie ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €7,118 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €22,243.75 u dan apparti l-pensjoni ta' €5,338.50.

**Carmelo sive Charles Domenici** xehed permezz ta' affidavit a fol 146, fol 223 u a fol 487 huwa twieled fid-29 ta' Novembru 1945 u huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-28 ta' Novembru 2006 fl-eta ta' 61 sena. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' WTO b'paga ta' €14,581. Qal ukoll illi mas-socjeta ntimata kien jahdem bhala Senior Technician, u fl-istess sezzjoni mieghu kien hemm Joseph Caruana, Carmelo Caruana, Constantino Consiglio, Guido Bartolo u Saviour Mercieca.

**Carmel Galea** xehed permezz ta' affidavit a fol 148, a fol 233 u a fol 490 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-30 ta' Ottubru 2006 meta gie *medically boarded out* u fl-istess hin ha l-*early retirement scheme*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' STO b'paga ta' €12,571. Xehed ukoll illi fl-istess grad tieghu kien hemm Edwin Farrugia, Anthony Bajada, Joseph Giusti, Lawrence Spiteri, Alfred Fabri, Reginald Pisani, Carmel Fsadni, John Privitera, Patrick Caruana, Joseph M Mamo, Anthony Magri, Francis Lanzon, Frank Carbonaro, Emanuel Ciantar, Michael Xuereb, George Calafato u Francis Farrugia. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement scheme* kien thallas is-somma ta' Lm13,000 ekwivalenti ghal €30,281, liema somma gie ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienitx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €8,380 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €26,187 u dan apparti l-pensjoni ta' €6,285.

**Francis Zahra** xehed permezz ta' affidavit a fol 155, a fol 234 u a fol 489 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sad-9 ta' Dicembru 1999 meta gie *medically boarded out* u fl-istess hin kien ha l-*early retirement scheme*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' Jointer fil-grad ta' TT2 b'paga ta' €11,353. Zied li fl-istess kariga tieghu kien hemm John B Aquilina, Robert Wright, Harold Frenco, Paul Fava, Walter Harmon, Francis Pullicino, Moses Fenech, Alesso Sammut, Pacifico Gatt u Vincent Attard.

**Alfred Gatt** xehed permezz ta' affidavit a fol 157, a fol 228 u a fol 491 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sal-1 ta' Awissu 2007 fl-eta ta' 61 sena. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' Customer Service Assistant b'paga ta' €14,850, u li fl-istess grad tieghu kien hemm Anthony Farrugia.

**Anthony Bugeja** xehed permezz ta' affidavit a fol 159 u a fol 224 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Settembru 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-2 ta' Frar 2000 meta gie *medically boarded out,* f'liema punt kien ha l-*early retirement scheme*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' WTO b'paga ta' €11,698. Xehed illi fl-istess grad tieghu kien hemm Constantino Consiglio, Anthony Bonello, George Pace, Philip Scerri, Guido Bartolo, Emanuel Galea u Saviour Mercieca. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement scheme* kien thallas is-somma ta' Lm9,000 ekwivalenti ghal €21,000, liema somma gie ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €7,798 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €24,360 u dan apparti l-pensjoni ta' €5,848.50.

**Jonas Magro** xehed permezz ta' affidavit a fol 161 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fit-23 ta' Jannar 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sas-16 ta' Settembru 1999 meta gie *medically boarded out* u kien ha l-*early retirement scheme* u ghalhekk kienet inghata s-somma ta' Lm10,000 ekwivalenti ghal €23,293.73. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' General Handyman b'paga ta' €9,848. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €6,565 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqblu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €20,515.62 u dan apparti l-pensjoni ta' €4,913.75.

**Frances Cassar** xehed permezz ta' affidavit a fol 165 u a fol 232 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-24 ta' April 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sal-24 ta' Gunju 1999 meta

gie *medically boarded out*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' Principal Officer b'paga ta' €14,190. Xehed illi mas-socjeta ntimata kien jokkupa l-kariga ta' Administrative Officer u fl-istess kariga tieghu kien hemm Angelo Aquilina, Vincent Attard, Maria Catania, Emanuel Ciantar u Mary Louise Brincat. Fit-tieni affidavit ulterjuri tieghu xehed illi r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet ghaliex kien ha l-*early retirement scheme* u kien thallas is-somma ta' Lm17,500 ekwivalenti ghal €40,764, liema somma gie ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €9,460 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqblu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €29,562 u dan apparti l-pensjoni ta' €7,095.

**Joseph Calleja** xehed permezz ta' affidavit a fol 167 u a fol 222 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fis-26 ta' Mejju 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-28 ta' Ottubru 2000 fl-eta ta' 61 sena. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' CSA b'paga ta' €12,181. Xehed ukoll illi mas-socjeta ntimata kien jokkupa l-kariga ta' Customer Service Assistant u fl-istess grad tieghu kien hemm Anthony Farrugia.

**Anthony Chetcuti** xehed permezz ta' affidavit a fol 169, a fol 225 u a fol 493 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fil-bidu taghha, billi beda l-impjieg tieghu mar-Rediffusion fil-25 ta' April 1966, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sad-29 ta' April 1999 meta gie *medically boarded out* f'liema punt kien ha l-*early retirement scheme*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' TT3 b'paga ta' €11,608. Zied illi fl-istess kariga tieghu kien hemm Joseph Dalli, Henry V tabone, Eric Zahra, Edwin Farrugia, Francis Dimech u Joseph Mamo. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement scheme* kien thallas is-somma ta' Lm11,800 ekwivalenti ghal €27,486, liema somma gie ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-

salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €7,738 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €24,181 u dan apparti l-pensjoni ta' €5,803.50.

**Peter Paul Borg** xehed permezz ta' affidavit a fol 173 u a fol 226illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fil-bidu taghha, billi beda l-impjieg tieghu mar-Rediffusion fit-23 ta' Mejju 1955, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-30 ta' Marzu 1985 meta gie *medically boarded out*. Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' Clerk 1 b'paga ta' €5,194, u fl-istess grad tieghu kien hemm Anthony Mizzi li kien Store Officer.

**Francis Gauci** xehed permezz ta' affidavit a fol 181 u a fol 229 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fil-bidu taghha, billi beda l-impjieg tieghu mar-Rediffusion fil-31 ta' Ottubru 1966, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sal-31 ta' Marzu 1999 meta ha l-*early retirement scheme.* Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' Lineman fil-grad ta' TT3 u kellu paga ta' €11,608. Zied li fl-istess grad tieghu kien hemm Andrew Dalli, Francis Saliba, Francis Borg, Lawrence Pavia, Silvio Camilleri, Ronald Gaffarena, Anthiny Mizzi, Louis Sultana, Carmel Muscat, Michael Enriquez, Paul Pickard, Saviour Galea, Robert Wright, George Bezzina, Francis Cachia, Joseph Gilson, Alessio Sammut, Saviour Sammut, Moses Fenech u Frank Carbonaro. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement scheme* kien thallas is-somma ta' €29,000, liema somma giet ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €7,738 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €24,181 u dan apparti l-pensjoni ta' €5,803.50.

**John Deguara** xehed permezz ta' affidavit a fol 187, a fol 235 u a fol 500 illi huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fid-19 ta' April 1977, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sat-22 ta'

Dicembru 1999 meta ha l-*early retirement scheme.* Qal illi meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' Administrativa Assistant fil-grad ta' Principal u kellu paga ta' €13,420.78. Xehed illi fl-istess kariga tieghu kien hemm Carmelo Tonna, Saviour Mercieca, John Formosa, Carmelo Zammit, Saviour Borg, Joseph M. Vella u Saviour Farrugia. Xehed illi meta kien ha l-*early retirement scheme* kien thallas is-somma ta' Lm15,000 ekwivalenti ghal €34,940.60, liema somma gie ikkalkolata fuq hemm kien ghad baqalu snin jahdem kieku hadem sal-eta tal-irtirat. Xehed illi dak iz-zmien ma kienetx issemiet il-pensjoni li ghandu dritt jiehu minghand is-socjeta ntimata u li li kieku kien jaf kien jiehu parir qabel ma jiehu decizjoni peress illi pensjoni ta' 2/3 fuq is-salarju tieghu kienet tissaraf fis-somma ta' €8,946 fis-sena, u ghalhekk ma kienx ikun jaqbillu jcedi din il-pensjoni. Xehed li issa gie nformat ukoll li meta jiehu l-pensjoni jkollu dritt jikkomuta ¼ minnha, liema komuntazzjoni hi ekwivalenti ghal €27,958 u dan apparti l-pensjoni annwali rimanenti ta' €6,709.

**Mary Azzopardi** xehdet permezz ta' affidavit a fol 197 illi zewgha beda  huwa beda jahdem mat-Telemalta Corporation fl-1 ta' Jannar 1978, u baqa' jahdem mal-kumpanija, li imbaghad saret Maltacom plc, u sussegwentement Go plc sas-17 ta' Jannar 1999 meta gie *medically boarded.* Qalet illi meta spicca mill-impjieg, zewgha kien jokkupa l-grad ta' Senior Messenger u kellu paga ta' €10,826. Ziedet illi zewgha miet fl-4 ta' Awissu 2011.

**Grace Micallef** xehdet a fol 237A *et seqq* illi hija ilha tahdem fil-Pension Section tat-Tezor ghal kwazi erbghin sena, u ziedet illi meta impjegat tal-Gvern jigi biex jirtira jghaddi minn taht din is-sezzjoni. Ezebit lista tal-impjegati ta' Go plc illi spiccaw bl-eta, mmarkata bhala Dok GM1 u zewg listi ta' impjegati li spiccaw ghal ragunijiet medici, li hija mmarkata bhala Dok GM2 u GM3. Xehdet li l-impjegati tal-Go li hadu l-pensjoni tat-Tezor kienu intitolati ghalija **ghaliex kienu dahlu mal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar 1979**, imbaghad kien gew trasferiti mas-socjeta ntimata meta din inholqot u baqghu intitolati li jiehu l-pensjoni tat-tezor peress illi l-kondizzjonijiet baqghu l-istess. Spjegat illi dawn l-impjegati setghu jirtiraw mal-eta ta' 60 sena, sakemm ma jkunux gew medically boarded out.

**In kontro-ezami** a fol 237D *et seqq* xehdet illi s-sitwazzjoni ghal impjegati li dahlu jahdmu mal-Gvern wara l-15 ta' Janna 1979 hija li huma ntitolati biss ghal-pensjoni tas-servizzi socjali.

**Aryton Caruana** xehed a fol 237F *et seqq* illi huwa ilu jahdem bhala Chief Human Resources Officer mas-socjeta ntimata mill-2013, filwaqt li kien jiehu hsieb ir-relazzjonijiet industrijali tal-istess socjeta sa mill-2008. Esebixxa lista tal-impjegati tas-socjeta ntimata li huma kontendenti f'din il-kawza, b'indikazzjoni tad-data ta' meta bdew jahdmu mas-socjeta ntimata u meta gie tterminat l-impjieg taghhom, u mmarka b'*highlighter* isfar dawk l-impjegati li tterminaw l-impjieg taghhom ghaliex gew *medically boarded out.* Rigward Joseph Azzopardi xehed illi d-data tal-bidu tal-impjieg tieghu skont ir-*records* tas-socjeta ntimata hija 23 ta' Jannar 1978 u mhux 1 ta' Jannar 1978.

Prodott mis-socjeta ntimata a fol 509 *et seqq* xehed illi kien hemm numru ta' impjegati tas-socjeta ntimata, fosthom uhud mir-rikorrenti, illi kien hadu l-***early retirement scheme*** li kienet giet offruta mis-socjeta ntimata, u l-Maltacom qabilha. Xehed illi dawn l-impjegati huma klassifikati f'zewg kategoriji ghaliex dawk l-impjegati li kien gew ingaggjati wara Frar tas-sena 1978 ma kienux ircievew *appointment letter* li kienet tindika li kellhom dritt ghall-pensjoni. Fir-rigward ta' dawk l-impjegati li kienu gew ingaggjati qabel, peress illi kellhom din it-tip ta' klawsola fil-kuntratt spjega illi l-*early retirement scheme* kienet tinvolvi klawsola li dan il-pagament kien ***in full and final settlement*** ta' kwalunwke ammont li kien ikun dovut mis-socjeta ntimata bhala pensjoni. Qal illi Carmel Galea, Francis Zahra, Anthony Bugeja, Anthony Bonnici u Frances Cassar kien ibbenefikat mill-*early retirement scheme* nonostante l-fatt li kienu gew ***medically boarded out***. Xehed ukoll li dawk li ma kellhomx ittra li kienet tindika li kellhom beneficcju tal-pensjoni kienu Joseph P. Galea, Joseph Paul Debono, Charles Domenici, u Alfred Gatt. Fir-rigward ta' Carmelo Farrugia xehed illi l-ittra ta' appuntament tiehu ma nstabitx pero dan jaqa' fl-kategorija li ghada kif issemiet peress illi d-data tal-ingagg tieghu kienet wara Jannar 1978.

**In kontro-ezami** xehed u rega kkonferma id-distinzjoni bejn l-impjegati, u cioe li dawk li gew ingaggati wara Jannar 1978 ma kellhomx indikazzjoni fl-ittra ta' ingagg taghhom li kellhom xi beneficcju tal-pensjoni. Mistoqsi jekk jafx illi skont it-Telemalta

Corporation Act it-Telemalta kellha l-obbligu li taghmel skema ta' pensjoni, wiegeb illi sa fejn jaf hu din kienet mahsuba sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tan-nies li kienu impjegati tal-gvern u li filfatt din l-iskema ta' pensjoni kienet saret. Qabel li meta inholqot it-Telemalta kien hemm impjegati li kien gejjin in parti mir-Redifussion li kienet kumpanija Ingliza u in parti kienu impjegati tal-gvern, u in parti minn impjegati tal-Cable and Wireless. Rigward l-*early retirement scheme* xehed li dan ma kienx pakkett negozjat izda kien hemm kriterji stabbiliti, u qal ukoll illi kien hemm impjegati li hadu l-*early retirement scheme* minkejja li kienu gew *medically boarded out* ghaliex inghataw l-ghazla illi minflok jispiccaw mix-xoghol fi zmien difficli minhabba r-ragunijiet ta' sahha, jiehdu din l-iskema biex b'hekk jiehdu somma flus.

**Raymond Scicluna** xehed a fol 260 *et seqq* u pproduca it-traskrizzjonijiet tad-diskussjonijiet tal-Kamra tad-Deputati tal-15 ta' Marzu 1975 u tat-22 ta' Marzu 1975 li gew mmarkati bhala Dok RS1 u Dok RS2.

**Sean Meli** xehed illi sabiex impjieg jigi *medically boarded out* kien ikun hemm tobba fuq *boards* medici li kien jkunu nominati mill-Ministru responsabbli. Spjega li kienet tkun trid issir applikazzjoni u jekk ir-rekwiziti kollha jigu sodisfatti, l-applikazzjoni kienet tghaddi quddiem dan il-Bord Mediku li jaghti l-opinjoni tieghu rigward l-invalidita tal-impjegat. Qal illi wara li tigi *medically boarded out* persuna ma tkunx tista' zzomm impjieg alternattiv ghaliex persuna li tahdem ma tistax tircievi pensjoni tal-invalidita.

**In kontro-ezami** xehed illi ghalkemm l-ittra li impjegat jigi *medically boarded out* titbghat mill-Maltacom jew is-socjeta ntimata, huma jkunu strahu fuq il-parir li jkun ta l-Bord Mediku. Fir-rigward ta' Francis Zahra xehed illi ma sabx dokument tal-Maltacom fir-rigward tal-*medical boarding out,* izda sab biss il-ftehim li kien sar bejn Zahra u c-*chairperson* tal-Maltacom fl-14 ta' Frar 2000.

**Ikkonsidrat;**

Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti, li kollha kienu impjegati tas-socjeta ntimata, qed jitolbu sabiex l-istess socjeta ntimata timplimenta skema ta' pensjoni fil-konfront taghhom li ghandha tkun simili ghal dik kontemplata fl-Ordinanza tal-Pensjonijiet, jew

fin-nuqqas, tkun din il-Qorti stess li tfassal tali skema. Din it-talba qed tigi maghmula a bazi tal-fatt illi, skont ir-rikorrenti, dawk minnhom li bdew jahdmu mas-socjeta ntimata jew avventi kawza taghhom li kienu impjegati tar-Rediffusion kellhom dritt ghall-pensjoni simili bhal pensjoni tal-Gvern, u fil-kaz tal-impjegati rikorrenti ohra, dawn kellhom *a legitimate expectation"* li jinghataw tali pensjoni ghaliex inkella jkun hemm diskriminazzjoni bejnhom u l-ko-impjegati taghhom.

Is-socjeta ntimata eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna, ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, u ghalhekk il-Qorti sejra l-ewwel nett tezamina din l-eccezzjoni. Dan l-artikolu jipprevedi zmien preskrittiv ta' hames snin fil-kaz ta'

"[a]zzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku"

Fil-fehma tal-Qorti, dan l-artikolu m'huwiex applikabbli f'dan il-kaz u dan peress illi l-kaz odjern ma jittrattax il-hlas ta' xi kreditu izda jitratta l-adempiment ta' obbligu kontrattwali illi r-rikorrenti qed jishqu illi s-socjeta ntimata ghandha fil-konfront taghhom. Ghalhekk hawnhekk mhux qed nitrattaw *obligazione di dare* izda *obligazione di fare*, u dan l-Artikolu m'huwiex applikabbli fil-kaz ta' *obligazione di fare.* F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ralph Naudi et vs Maltacom p.l.c.** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Novembru 2001 fejn intqal fir-rigward tal-Artikolu 2156(f) illi :

> "*Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-art. 2143 tal-Kodici Civili, i.e. il-preskrizzjoni ta' tletin sena. Bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva.*
>
> *Ghalhekk, fil-fehma tal-qorti, ghalkemm il-kelma "kreditu", lato sensu, tfisser kull jedd in personam li jikkorrespondi ma' kull obbligazzjoni tad-debitur, b'mod illi obbligazzjoni u kreditu huma z-zewg ucuh ta' l-istess rabta guridika, madankollu fil-kuntest ta' l-*

*art. 2156(f) tal-Kodici Civili l-kelma "kreditu", minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhall-jeddijiet l-ohra msemmija fl-art. 2156. Ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-art. 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazzjoni di fare; huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus.*

*Li l-preskrizzjoni "residwali" taht l-art. 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni eiusdem generis huwa principju gà stabbilit fil-gurisprudenza.*

*F'sentenza moghtija fis-7 ta' Frar 1949 in re Giovanni Saliba et versus Angelo Grech il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet hekk: Dak l-artikolu [art. 2156] jikkontempla l-kazijiet ta' krediti ghal cnus, ghar-renditi perpetwi jew vitalizji, ta' interessi fuq cnus bollali, ta' pensjoni ghall-alimenti, ghall-hlas ta' kera, ghal hlas ta' interessi, ghal somom dovuti ghal self, jew pagabbli annwalment, ghar-restituzzjoni ta' mutwi; u mbaghad tigi dik is-sezzjoni fejn jinghad "ghal hlas ta' kull kreditu iehor ... ... ... ". Dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkonnetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma indikati krediti specifici, u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis, skond ir-regola komunement accettata fil-gurisprudenza."*"[1]

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-ftehim tat-2 ta' Marzu 1976 jipprovdi illi l-partijiet ghal dan il-ftehim kien s-segwenti:

[1] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2005.

> "*...the Minister of Development, the Chairman of Telemalta Corporation and the National Association of Clerical and Supervisory Staffs* ***representing employees formerly employed by the Rediffusion Group of Companies in Malta****."*[2]

Huwa car ghalhekk fil-fehma tal-Qorti illi dan il-ftehim **johloq biss obbligi versu dawk l-impjegati li kienu qed jigi trasferiti f'impjieg mat-Telemalta wara li kienu impjegati tar-Rediffusion Group of Companies Malta**. Ghalhekk huma biss dawk ir-rikorrenti li kienu impjegati tar-Rediffusion illi jistghu javvanzaw pretensjoni a bazi ta' dan il-kuntratt, u mhux ir-rikorrenti l-ohra li ma kienux impjegati mar-Redifussion ghaliex japplika il-principju ta *res inter alios acta.* Din l-istess konsiderazzjoni diga giet filfatt maghmula minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Dalli vs Go Plc** deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, fejn fuq dan il-punt (pero fir-rigward tal-kumpanija Cable and Wireless) intqal illi:

> "*Hu ghalhekk evidenti li l-ftehim gie ffirmat fl-interess ta-limpjegati tal-Cable and Wireless Limited li kienu ser jibdew jahdmu mal-Koporazzjoni Telemalta, u mhux tal-impjegati kollha kif l-atturi pprovaw jaghtu x'jifhmu fir-rikors guramentat u fil-parti ntestata Fatti tan-nota ta' sottomissjonijiet. Fil-kuntratt hu espressament dikjarat li l-General Workers' Union1 qeghda tidher fl-interess tal-haddiema tal-Cable and Wireless Limited. Ghalhekk m'huwiex korrett li jinghad li "TeleMalta intrabtet illi taghmel ghall-impjegati kollha taghha skema ta' pensjoni simili ghal dik tal-Gvern."*
>
> (…)
>
> *Fil-fehma ta' din il-qorti l-atturi m'ghandhomx dritt jippretendu li l-ftehim tat-23 ta' Lulju 1975 kien gie ffirmat fl-interess tal-impjegati kollha tal-Korporazzjoni Telemalta.*"

---

[2] Fol 82.

Il-Qorti rat pero, illi minbarra dawk ir-rikorrenti a favur ta' liema inholoq dritt ghal pensjoni permezz tal-ftehim surreferit, hemm ukoll rikorrenti illi ghandhom dritt ghal din l-istess skema ta' pensjoni, nonostante l-fatt li ma kienux impjegati tar-Rediffusion. Dan ilghaliex fl-ittra ta' ingagg taghhom, gie indikat lilhom illi dak l-impjieg kien ser jintitolahom ghall-iskema ta' pensjoni li kienet ser tpoggi fis-sehh mis-socjeta ntimata, jew ahjar l-avventi kawza taghha. Din l-indikazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ghandha titqies bhala wahda mill-kondizzjonijiet tax-xoghol illi accettaw dawn l-impjegati u hija wahda vinkolanti.

Ir-rikorrenti pero jargumentaw illi kollha kemm huma ghandhom dritt ghal din l-iskema ta' pensjoni u dan ghaliex galadarba kienu jahdmu fl-istess xoghol ma' dawk l-impjegati li kien gew trasferiti mill-kumpanija Rediffusion, u/jew dawk illi fl-ittra ta' ingagg gie indikat lilhom li kienu ser ikunu intitolati ghal pensjoni, ghandhom aspettativa legittima illi jiehdu l-istess pensjoni, u jekk ma jinghatawx din il-pensjoni ikunu qeghdin jigu diskriminati. Il-Qorti pero ma taqbel xejn ma dan l-argument, li fil-fehma konsiderata taghha huwa kompletament infondat.

Fis-sentenza seminali ***Ex parte Coughlan*** il-Qorti tal-Appell Ingliza kienet sostniet illi hemm zewg tipi ta' sitwazzjonijiet li jistu' jwasslu ghal aspettitiva legittima sostantiva u cioe:
(1) fejn tkun saret weghda li ghandha l-karattru ta' kuntratt u;
(2) fejn ikun hemm bdil ta' policy.[3]

Fir-rigward tal-ewwel tip ta' aspettitiva legittima sostantiva, il-Qorti tal-Appell f'dik is-sentenza kienet iccarat illi din tapplika biss fejn ikun weghda li saret lil individwu wiehed, jew numru zghir ta' persuni, li fil-fehma tal-Qorti m'huwiex il-kaz hawnhekk. Fir-rigward tat-tieni sitwazzjoni, inghad mill-Qorti tal-Appell Ingliza illi din testendi biss ghall-aspettativa illi l-individwu jigi trattat b'manjera konsistenti mall-policy tal-entita f'dak iz-zmien, u li f'dan il-kaz l-entita hija marbuta biss illi tiehu in konsiderazzjoni il-posizzjoni taghha anterjuri jew ir-rapprezentazzjonijiet maghmula minnha mill-individwu. Il-Qorti tal-Appell Ingliza kompliet ittenni illi f'din it-tip ta' sitwazzjoni, ikun hemm ksur tal-aspettativa legittima biss **jekk id-decizjoni tal-entita li**

[3] **Regina v. North and East Devon Health Authority, ex parte Coughlan,** Court of Appeal of England and Wales deciza 16 ta' Lulju 1999.

**tibdel il-posizzjoni anterjuri taghha hija irragonevoli skont il-principji ta' Wednesbury jew irrazzjonali u cioe li hi**

> "***...so outrageous in the defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it***"

F'dan il-kaz hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi ma jistghax jinghad li l-bdil tal-posizzjoni da parti tas-socjeta ntimata, jew l-avventi kawza taghha kien wiehed irrazzjonali jew irragonevoli **skont il-principji ta' Wednesbury**. Il-Qorti taghraf illi l-iskop wara l-istabbiliment tal-iskema tal-pensjoni imsemmija kienet sabiex il-haddiema tal-entitajiet parastatali ikunu intitolati ghal pensjoni tas-servizz bhal haddiema ta' entitajiet statali, u dan fiz-zmien meta ma kienx hemm pensjoni nazzjonali tas-sigurta socjali. Ghalhekk, galadarba kienet ser tinbidel il-ligi sabiex tidhol fis-sehh pensjoni nazzjonali  ma jistghax jitqies li kien irragonevoli jew irrazzjonali kif delinjat aktar il-fuq illi s-socjeta ntimata jew l-avventi kawza taghha jibdlu l-posizzjoni taghhom u ma jibqghux joffru aktar pensjoni tas-servizz, ghaliex l-emendar tal-ligi tal-pensjonat kien ser jassigura ghal kull haddiem dritt ta' pensjoni.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti illi jekk il-haddiema kollha ma jinghatawx l-istess beneficcju ta' pensjoni bhal dawk il-haddiema li kienu gew trasferiti mir-Rediffusion jew li kien gie indikat lilhom li kienu intitolati ghal pensjoni tas-servizz fl-ittra tal-ingagg, ikunu qed jigu diskriminati, il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddefinixxi diskriminazzjoni b'dan il-mod:

> "***...kull distinzjoni, eskluzjoni jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f'socjetà demokratika inkluza diskriminazzjoni fuq il-bazi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, dizabilità, twemmin religjuz, opinjoni politika jew shubija fi trade union, jew f'assocjazzjoni ta' principali.***"

F'dan il-kaz, l-ebda wiehed mir-rikorrenti m'huwa qieghed jallega illi sofra trattament diskriminatorju minhabba xi wahda mill-kawzali indikati fil-ligi, u ghalhekk l-argument ibbazat fuq diskriminazzjoni ma jistghax jirnexxi. Di piu, il-Qorti taghmel referenza

ghas-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Carmelo Dalli et vs Go plc** fejn fuq l-istess argument ta' trattament diskriminatorju intqal illi:

> "***Il-kondizzjonijiet ta' impieg tal-atturi ma kienux bhal dawk tal-atturi fil-kawza 480/2002, li bdew jahdmu fi zmien differenti minn dik tal-atturi u li kienu diga' qeghdin jahdmu ma' kumpannija li ttiehdet mill-Gvern. Mela ma jistax jinghad li hemm agir diskriminatorju ghaliex il-kazijiet m'humiex ugwali. L-istess jinghad fir-rigward taz-zewg impiegati li fl-ittra ta' hatra taghhom jinghad li jikkwalifikaw sabiex jiehdu sehem fl-iskema ta' pensjoni li kienet behsiebha taghmel il-Korporazzjoni, in kwantu dawn kienu mpiegati ftit xhur qabel l-atturi meta kien ghad hemm l-intenzjoni li tigi ntrodotta skema ta' pensjoni mill-Korporazzjoni. L-atturi ma taw l-ebda prova dokumentarja li din il-kondizzjoni kellha tapplika wkoll fil-kaz taghhom…***"

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-talba tar-rikorrenti ma tistghax tirnexxi fil-konfront tas-segwenti rikorrenti, li la kienu impjegati tar-Rediffusion u lanqas ma kellhom indikazzjoni fl-ittra ta' ingagg taghhom illi l-impjieg kien ser jintitolahom ghall-iskema tal-pensjoni in kwistjoni:

1. **Carmelo Galea**
2. **Francis Zahra**
3. **Anthony Bugeja**
4. **Anthony Bonnici**
5. **Joseph P Calleja**
6. **Joseph Paul Debono**
7. **Charles Domenici**
8. **Alfred Gatt**
9. **Carmelo Farrugia**
10. **Frances Cassar**

Ir-rimanenti rikorrenti ghalhekk huma:

**Frances Gauci**
**Jonas Magro**
**Anthony Chetcuti**
**Mary Azzopardi armla ta' Joseph Azzopardi**
**Peter Paul Borg**
**John Deguara**

Barra minn hekk, il-Qorti rat illi hemm ghadd ta' rikorrenti f'din il-kawza illi kien hadu *early retirement scheme* volontarju, li uhud minnhom hadu ghaliex kienu gew *medically boarded out.* Fil-ftehim iffirmat mir-rikorrenti kollha li hadu l-*early retirement scheme* gie stipulat illi s-somma flus li kienet qed tithallas lilhom bhala '*retiring gratuity'* kienet:

> ***"...a total sum of money paid by Maltacom to the Retiring Employee in full and final settlement as show..."***[4]

F'dan l-istess ftehim gie ukoll espressament provdut illi:

> ***"This Agreement supersedes all prior oral or written understandings between or among the Parties with respect to the subject. No agreement altering, modifying or extending the terms of this Agreement shall be valid unless in writing and duly signed by each party."***

Fir-rigward ta' John Deguara, dan jixhed *ex admissis* illi huwa kien ittermina l-impjieg tieghu mas-socjeta ntimata meta ha l-*early retirement scheme* fit-22 ta' Frar 1999.

Fir-rigward ta' Francis Gauci huwa indikat espressament fil-formola tat-tmiem tal-impjieg tal-ETC illi r-raguni ghat-tmiem tal-impjieg, fil-31 ta' Marzu 1999 kien illi ghazel li tiehu l-*Early Retirement Scheme.*[5] Ghalhekk fir-rigward ta' Gauci m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg kienet l-*early*

[4] Vide per ezempju il-ftehim milhuq ta' Francis Gauci a fol 346 *et seqq.*
[5] Fol 345.

*retirement scheme* galadarba din ir-raguni hija indikata espressament anke fil-formola tal-ETC.

Fir-rigward ta' Jonas Magro u Anthony Chetcuti jirrizulta illi r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg li inghatat fil-formola tal-ETC taghhom kienet illi kienu gew *boarded out* minhabba ragunijiet ta' sahha, fis-16 ta' Settembru 1999 u fit-30 ta' April 1999 rispettivament, filwaqt li l-kuntratt tal-*early retirement scheme* kien gie ffirmat minnhom fil-5 ta' Novembru 1999 u fit-30 ta' Settembru 1999. Il-Qorti rat izda li skont l-istess kuntratt l-*effective date'* hija is-16 ta' Settembru 1999 u d-29 ta' April 1999. Il-Qorti rat ukoll illi Joseph Azzopardi, ir-ragel tar-rikorrenti Mary Azzopardi, kien iffirma ftehim ta' *early retirement* fis-16 ta' Frar 1999, li skont l-istess ftehim l-*effective date* kellha tkun is-16 ta' Jannat 1999.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-erba' rikorrenti m'humiex intitolati ghall-pensjoni kif qed jippretendu, galadarba huma minn jeddhom, ghazlu li jippartecipaw f'din l-iskema volontarja ta' rtirat kmieni. Il-Qorti rat illi fl-affidavits taghhom jilmentaw li ma kienux gew mgharrfa dwar din l-iskema ta' pensjoni ghaliex li kieku kienu jiehdu parir qabel ma jiffirmaw, pero dan ma jistghax jaffetwa d-decizjoni tal-Qorti galadarba l-kuntratti rispettivi ghadhom validi u vigenti ghaliex ma gewx dikjarati nulli jew annulati minn xi Qorti minhabba vizzju ta' kunsens, u lanqas ma jista' jinghad li wahda mill-kawzali ta' din l-azzjoni hi proprju xi azzjoni ta' rexissjoni tal-kuntratti msemmija minhabba dan. Meta ffirmaw dawn il-kuntratti, ir-rikorrenti kienu qieghdin jaccettaw is-somma ta' flus moghtija lilhom ***"in full and final settlement"*** u qabblu illi dak il-ftehim ***"supersedes all prior oral or written understandings between or among the Parties with respect to the subject."*** Filfatt, fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-*effective date* u cioe d-data ta' meta kellu jsir il-hlas kienet wahda retrospettiva li tmur lura ghad-data tat-terminazzjoni ta' impjieg kif registrata mal-ETC juri illi l-intenzjoni kienet illi dak il-pagament ikun sar a saldu ta' kwalunwke pretensjoni li seta' kellhom ir-rikorrenti fir-rigward tas-suggett tal-pensjoni taghhom mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg minhabba invalidita. Kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument tar-rikorrenti tkun qed tmur kontra l-principju ta' *pacta sunt servanda,* li certament mhux permissibbli.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux lanqas jirnexxu fir-rigward ta' John Deguara, Francis Gauci, Jonas Magro, Anthony Chetcuti, u Mary armla ta' Joseph Azzopardi.

Jifdal ghalhekk illi l-Qorti tezamina t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' Peter Paul Borg. **Jirrizulta illi Peter Paul Borg sar impjegat tas-socjeta ntimata ghaliex kien wiehed mill-impjegati tar-Rediffusion. Ghalhekk huwa car li l-ftehim tal-1976 huwa applikabbli ghalih, u ghandu jkun intitolat ghall-iskema ta' pensjoni**. Borg kien gie *medically boarded out* fit-30 ta' Marzu 1985, u ma jirrizultax illi kien uzufruwixxa mill-*early retirement scheme.* **Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi Peter Paul Borg huwa l-uniku rikorrenti a favur ta' liema ghandhom tintlaqu' t-talba tar-rikorrenti.**

Fir-rigward tas-seba' eccezzjoni tas-socjeta ntimata, il-Qorti wara li rat dak li jipprovdi il-Kapitolu 450 tal-Ligijiet ta' Malta taqbel illi s-sentenza nnifisha ma tista' qatt tkopri r-rekwiziti amministrattivi stabbiliti fil-ligi ghat-tpoggija fis-sehh ta' skema ta' pensjoni. Dan ma jfissirx pero illi t-talba tar-rikorrenti kollha hija nsostenibbli peress illi t-talba hija fis-sens li tkun din il-Qorti li tistabilixxi l-iskema mitluba jekk is-socjeta ntimata tonqos milli taghmel dak ordnat minnha fil-ligi. Ghalhekk, hija biss din il-parti tat-talba li hija insostenibbli u mhux it-talba kollha.

Fir-rigward tat-tmien eccezzjoni tas-socjeta ntimata, l-Qorti rat illi ghalkemm huwa minnu li l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta` Nazzjonali tal-1965 (Kap. 147) jimponu pensjoni massima, dawn iz-zewg ligijiet ma jhassrux jew jiddikjaraw nulla kwalunkwe pensjoni tas-servizz li tkun ezistenti. Minflok dawn il-ligijiet jipprovdu illi l-pensjoni tas-servizz tittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-pensjoni taht l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali. Filfatt, hawnhekk issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc et** fejn rigward l-istess eccezzjoni intqal illi

> ***"Dan l-arrangament li kellu jwassal lill-haddiema tat-Telemalta u li kienu ex impjegati tal-kumpanija Cable and Wireless jkollhom "service pension", ma jistax jitqies li jmur kontra l-ordni pubbliku ghax mhux projbit espressament b'ebda ligi , u pensjoni "simili" giet fil-fatt protetta u kkunsiderata fl-Att dwar is-Sigurta` Nazzjonali blemenda su riferita li kienet giet introdott bl-Att XXI tal-1979. Il-pensjoni li kellhom jiehdu l-ex impjegati tal-Cable and Wireless Ltd, ghandha tkun pensjoni "simili ghal dik li kienu intitolati ghaliha l-haddiema tal-Gvern fl-1979, u din il-pensjoni tas-servizz kienet u ghadha tifforma parti mill-Ordinament Guridiku Malti, tant li l-haddiema tac-Civil li rtiraw qabel l-1979 ghandhom jiehdu l-pensjoni tas-servizz u l-pensjoni taht in-National Insurance Act, imnaqqsa kif provdut f'dan l-ahhar att. Kwindi, ma jistghax jinghad li l-ftehim imur kontra l-ordni pubbliku Malti."***

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

1. **Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni fil-konfront tar-rikorrenti John Deguara, Francis Gauci, u b'digriet tat-23 t'April, 2018 l-atti ta' Jonas Magro gew trasfuzi f'isem Abraham Magro f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' ohtu assenti Georgia Muscat, David Magro u George Magro, Anthony Chetcuti, u Mary armla ta' Joseph Azzopardi u tichad it-talba fil-konfront tal-istess rikorrenti, u tilqa' t-tielet eccezzjoni fil-konfront tar-rikorrenti Carmelo Galea, Francis Zahra, Anthony Bugeja, Anthony Bonnici, Joseph P Calleja, Joseph Paul Debono, Charles Domenici, Alfred Gatt, Carmelo Farrugia, Frances Cassar u tichad it-talba fil-konfront tal-istess rikorrenti, tichad is-seba' eccezzjoni tas-socjeta ntimata sa fejn hu kompatibbli ma' din is-sentenza u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent Peter Paul Borg, u**

**konsegwentement tilqa' t-talba tar-rikorrenti Peter Paul Borg, sa fejn hu kompatibbli ma din is-sentenza.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mir-rikorrenti kollha in solidum b'eccezzjoni tal-ispejjez li jirrigwardjaw lil Peter Paul Borg. Is-socjeta' intimata ghandha thallas l-ispejjez ta' Peter Paul Borg.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**